**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 46 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony Aquilina**

Illum, 14 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Aquilina detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 269468 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

a. Talli nhar il- 5 t' Awwissu 2017 ghal habta ta' 16:45hrs waqt li kont f' Industrial Estate, Luqa b' xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f' dan il-kodici, ksirt volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Art 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Kif ukoll hebbejt ghal persuna ta' Nicholas Alfred Caruana u ikkawzajt offiza ta' natura hafifa hekk kif gie iccertifikat mit-Tabib Elizabeth Muscat Reg 5761 mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-Art 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Kif ukoll ingurjajt jew heddidt, mhux imsemmi band'ohra f' dan il-kodici, jew jekk kont ipprovokat, ingurjat b' mod li hrigt barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Nicholas Alfred Caruana u dan bi ksur tal-Art 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Kif ukoll volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt vettura LNB 109 tal-ghamla Land Rover ghad-dannu ta' Nicholas Alfred Caruana u dan bi ksur tal-Art 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Frar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (dd), 339 (1) (e), 221 (1) u 325 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Anthony Aquilina hati tat-tieni u tar-raba imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali din il-Qorti ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sena (1) millum, l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28 B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-import u l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza fi kliem car u ghaddiet biex tikkonferma jekk fehemx l-ispjega tal-Qorti dwarhom.

Illi fir-rigward l-ewwel u t-tielet imputazzjoni il-Qorti qieset li dawn l-imputazzjonijiet huma preskritti u ghaldaqstant l-procediment huma estinti u l-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Aquilina minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Nadine Lia LL.D tal-25 ta' Frar 2020 fejn qieset li l-ewwel u t-tielet imputazzjoni huma preskritti u ghaldaqstant l-procedimenti huma estinti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, u thassar dik il-parti tas-sentenza kwantu sabitu hati tat-tieni u tar-raba imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali il-Qorti ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sena (1) millum, l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha

tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(1) Illi l-Ewwel Qorti ibazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li x-xhieda moghtija minn Nicholas u Anthony Caruana hi wahda kredibbli u verosimili;

Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti naqqset milli tiehu in konsiderazzjoni il-fatt li f'dan il-kaz kien l-appellant li garrab il-griehi u mhux l-parte civile Nicholas Caruana, hekk kif il-parte civile tat ammont konsiderabbli ta' daqqiet bis-sieq lill-appellant f'sidru hekk kif mar biex jiehu c-cavetta tal-vettura tal-parte civile, wara li l-istess parte civile heddu li kien ser jghaddi minn fuqu bl-istess vettura. Illi huwa car hafna li l-appellant mar biex jiehu c-cwievet tal-vettura sabiex jipprotegi lilu nnifsu kif ukoll it-tfal tieghu li kienu mieghu fil-garaxx. In-natura u d-dinamika tal-fatti ma jhallu l-ebda dubju li l-appellant huwa genwin u dan kien kaz car ta' persuna li kienet qed tiddefendi ruhha u lil dawk ta' madwarha;

Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tara l-fatt li meta rritorna Nicholas Caruana [missieru li kien baqa fil-propjeta ta' l-imputat minghajr ebda problema ta' xejn – tant hu hekk li kien komdu komdu jiehu video ta' l-akkadut kollu] **saqq ghal fuq l-imputat, u ghalhekk f'dan il-kaz kien l-appellant li kellu hajtu fil-periklu - minbarra l-fatt li kien maz-zewgt itfal tieghu li ukoll kienu f'periklu**. Hawnhekk huwa car li kien Nicholas Ciappara li mar ghal konfrontazzjoni u mhux l-imputat li kien qieghed fil-propjeta' tieghu. Wiehed isaqsi – x'suppost kellu jaghmel l-imputat dak il-hin – ihallieh isuq ghal fuqu? jitlaq jigri jahrab minn gol propjeta tieghu w Ihalli lit-tfal tieghu hemmhekk? Jew fil-fatt, kif ghamel, baqa hemmhekk u pprova jgerrex lillNicholas Ciappara.

(2) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:[1]

*"…che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso…,"*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2020.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

Il-parte civile Nicholas Alfred Caruana u missieru Anthony Harold Caruana marru fuq il-post tax-xoghol tal-imputat li huwa mechanic sabiex ikellmuh dwar problema li Nicholas Alfred Caruana kellu fil-landrover tieghu. Jirrizulta li din il-kwistjoni skalat b'tali mod li allegatament l-parte civile Nicholas Alfred Caruana sofra griehi ta' natura hafifa u anke gew ikkawzati hsarat fuq il-vettura tieghu tat-tip Landrover. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda li l-Ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li x-xhieda moghtija minn Nicholas u Anthony Caruanna hi wahda kredibbli u verosimili. L-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li f'dan il-kaz kien l-appellant li garrab il-griehi u mhux il-parte civile Nicholas Caruana, hekk kif il-parte civile tat ammont konsiderabbli ta' daqqiet bis-sieq lill-appellant f'sidru hekkk kif mar biex jiehu c-cavetta tal-vettura tal-parte civile, wara li l-istess parte civile heddu li kien ser jghaddi minn fuqu bl-istess vettura. L-appellant mar biex jiehu c-cwievet tal-vettura sabiex jipprotegi lilu nnifsu kif ukoll it-tfal tieghu li kienu mieghu fil-garaxx. In-natura u d-dinamika tal-fatti ma jhallu l-ebda dubju li l-appellant huwa genwin u dan kien kaz car ta' persuna li kienet qed tiddefendi ruhha u lil dawk ta' madwarha.

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.

L-appellant jissottometti ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tara l-fatt li meta rritorna Nicholas Caruana, missieru li kien baqa fil-proprjeta' tal-imputat minghajr ebda problema ta' xejn, tant hu hekk li kien komdu komdu jiehu video ta' l-akkadut kollu, Nicholas Caruana saq ghal fuq l-imputat, u ghalhekk f'dan il-kaz kien l-appellant li kellu hajtu fil-perikolu minbarra l-fatt li kien maz-zewg itfal tieghu li ukoll kienu f'periklu. Huwa car li kien Nicholas Ciappara li mar ghal konfrontazzjoni u mhux l-imputat li kien qieghed fil-proprjeta' tieghu. Wiehed isaqsi x'suppost kellu jaghmel l-imputat dak il-hin, ihallieh isuq ghal fuqu? Jitlaq jigri jahrab minn gol proprjeta tieghu w ihalli lit-tfal tieghu hemmhekk? Jew kif ghamel, baqa hemmhekk u pprova jgerrex lil Nicholas Ciappara.

Ghalhekk jirrizulta li l-appell tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Raymond Azzopardi'**[2]:

'*...din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal- Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "unsafe and unsatisfactory".*

*Hekk gie ritenut li :-*

*"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et." [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )*

*u*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal- istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.1994] , "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn.)*'

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2003 (Appell Kriminali numru: 199/2002)

Din il-Qorti sejra taghti harsa lejn il-provi principali mressqa quddiem l-Ewwel Qorti. **PS947 Adrian Paul Vella** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit. Huwa spjega li nhar il-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghal habta ta' 17:00hrs waqt li kien xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Luqa gew infurmati permezz ta' telefonata li kien hemm argument fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Farrug, f'Hal-Luqa. Niezel fuq il-post tal-incident u kellem lil Anthony Aquilina li jahdem bhala mechanic f'garaxx fil-Qasam Industrijali fejn stqarr li kien mar klijent tieghu li kien ghamillu hafna xoghol fq il-vettura tal-ghamla Land Rover. Anthony Aquilina qallu biex jerga johodulu u jsewihielu. Missier Nicholas qallu li kien hemm xi problema bil-breaks ukoll u nqala argument ghax bdew japprofittaw ruhhom u missier Nicholas Caruana beda jgholli lehnu u jghajjat filwaqt li Nicholas beda joffendih. Aquilina qal li qallhom biex jitilqu u keccihom il-barra mill-garaxx tieghu. Nicholas tela fil-Land Rover u qallu li jghaddi minn fuqu u kif Anthony Aquilina prova johodlu ic-cavetta mill-ignition biex ma jsuqux, beda jtih bis-sieq go sidru u saq l-hemm sparat u perikoluz. Kif telaq Anthony stqarr li kien ha jaqbad iressaq karru li kellu mghobbi tyres fil-garraxx. F'dak il-hin rega sema lil Nicholas gej lura bil-Land Rover u peress li kellu iz-zewgt itfal zghar mieghu, haseb li ha jibqa diehel fil-garaxx ghal fuqhom. Anthony qal li qabad pipe f'idu biex jiprotegi ruhu. Hu hareg barra fil-bieb tal-garaxx tieghu u rega dahal ghax baqa ghaddej. Minflokk baqa sejjer, Nicholas waqaf u irriversja lejn il-garaxx u hu mar imislu ir-roll over bar fuq wara bil pipe biex ma jaghmillux hsara u ibezaw u jibqa sejjer, izda minflok irriversja lura ghal fuqu. F'dak il-hin xejjer daqqa fuq il-Land Rover bil-pipe u inkiser il-windscreen. Anthony Aquilina stqarr ukoll li hemm il-filmat tas-cctv li juru li Nicholas kien ikkawza l-incident meta rega mar lura hdejn il-garaxx u irrivesja ghalih wara li kien telaq minn fuq il-post. Huwa stqarr li kien ha jiprovdi kopja tal-filmat. Anthony gie nfurmat mill-Pulizija biex jiprovdi certifikat mediku. Wara li Anthony Aquilina gie mitkellem mill-Pulizija, gie ezaminat fuq il-post minn Nurse Antonella Saint John li giet permezz ta' ambulanza peress li Anthony Aquilina kien qed ihossu sidru jugghu, gharqan xraba qed ihossu hazin u gie mehud l-isptar Mater Dei ghal testijiet medici.

Il-Pulizija tad-Distrett kelmet lil Nicholas Alfred Caruana fuq il-post tal-incident fejn stqarr li kien ghadu kif gie agredit mill-mechanic tieghu. Huwa stqarr li kien mar

ghand il-mechanic tieghu Anthony ma missieru Anthony Caruana biex jghidlu fuq hsara fil-power sterring. Meta kienu qed jitkelmu, missieru Anthony Caruana qal lil mechanic li kien hemm xi problema fil-brakes ukoll u nqala l-argument ghax il-mechanic beda jghajjat ma wiccu u jkeccihom il-barra. Nicholas zied jghid li hu telaq bil-Land Rover u induna li missieru kien ghadu hdejn il-Garage u f'dak il-hin hareg b'pipe u tah daqqiet fuq il-Land Rover u kisirlu l-windscreen u hebb ghalih.

Nicholas Caruana gie nfurmat biex jiprovdi certifikat mediku u stima tal-hsarat biex jittiehdu proceduri bil-Qorti. Huwa stqarr li ma jixtieqx li jittiehdu proceduri fil-konfront tal-mechanic Anthony Aquilina jekk jirrangalu l-hsarat. Anthony Caruana missier Nicholas gie mitkellem mill-Pulizija tad-Distrett fuq il-post tal-incident fejn ikkonferma l-verzjoni ta' ibnu Nicholas. Hu zied jghid li kien ha xi ritratti tal-mechanic ihebb ghal ibnu Nicholas Caruana u jghamillu hsara fuq il-Land Rover. Anthony Caruana stqarr ukoll mal-Pulizija li hu jghajjat biex jitkellem peress li ma jismax sew ghax ftit trux u ma bediex jghajjat biex jiggieled.

L-istess dettalji gew imnizzla fil-*Current Incident Report* li jinsab a fol 10 et sequitur. F'dan ir-rapport fid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) tnizzel ukoll li Anthony Caruana gie l-Ghassa ta' Hal-Luqa fejn provda xi ritratti li kien ha fil-hin tal-incident li juru lil mechanic ihebb ghal ibnu u jghamillu il-hsara fuq il-vettura u insista li jittiehdu proceduri kontrih biss. Il-Pulizija tad-Distrett spjegat lil Anthony Caruana li l-Pulizija bilfors trid tiprocedi kontra z-zewg partijiet u mhux kontra parti wahda biss kif beda jinsisti hu. Iktar tard, Anthony Caruana gie mitkellem ukoll mill-Ispettur tal-Ghassa ta' Hal-Luqa H. Cini u rega spjegalu u nfurmah biex ibnu Nicholas jiprovdi l-istima tal-hsarat u certifikat mediku kif ga kien infurmat mill-Pulizija, halli l-Pulizija tkun tista' tiprocedi fil-konfront taz-zewg partijiet involuti. Il-Pulizija tad-Distrett regghet kelmet lil Nicholas fejn stqarr li rega bdielu u issa jixtieq li jittiehdu proceduri bil-Qorti u li kien ghadu ma marx jghamel l-istima tal-hsarat u li kien sejjer il-gimha d-diehla u jghaddiha lil Pulizija. Kopja tal-filmat tal-incident gie provdut lil Pulizija minn Anthony Aquilina kif ukoll ceritifikat mediku fejn sofra feriti ta' natura hafifa.

Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Pulizija tad-Distrett regghet kelmet lil Nicholas Caruana fejn stqarr li c-ceritifkat kien ghamlu izda ma lestix l-istima tal-hsarat. Huwa gie nfurmat biex jiprovdi d-dokumenti mill-

iktar fis possibli biex il-Pulizija tkun tista' tiprocedi bil-Qorti. Skont ir-rapport, kien hemm zewg drabi ohra fejn Nicholas Caruana rega gie imfakkar sabiex jiprezenti certifikat mediku u stima tal-hsarat. Fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) Nicholas Caruana u missieru Anthony Caruana gew mitkellma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Luqa fejn prezentaw certifikat mediku fejn Nicholas sofra feriti ta' natura hafifa u giet provduta ukoll stima tal-hsarat li garrab fil-vettura bix-xoghol ta' tiswija inkluza.

Stima mahruga minn Ciapella Garage giet esebita a fol 17 u stima ohra dwar tiswijiet u labour giet esebita a fol 3. Cerifikat mediku jinsab a fol 16 fejn li gie invistat Nicholas Alfred Caruana fil-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u li kellu '*tenderness along rt anterior aspect of distd forearm*' u '*abrasions along left anterior shin = 2cm in length*' A fol 22 gie prezentat affidavit tad-Dottoressa Elizabeth Muscat fejn iccertifikat li ezaminat lil Caruana Nicholas Alfred fil-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u li l-kontenut tac-certifikat huwa is-segwenti:

'*Febrile on examination 40 degrees Celsisus. History of sudden onset of nausea and vomiting and bilateral frontal headaches of sudden onset on the day of examination. History of loose stools x7. Patient was noted to be very pale and sweaty. Patient denied recent contact with any illnesses and gave a history of eating chicken the day before. Otherwise examination was unremarkable. Sick leave certificate query food poising was given to patient and advised to return for further examination should the signs and symptoms not resolve within 5 days.*' In-natura ta' dawn il-griehi hija hafifa sakemm ma jinqalghux kumplikazzjonijiet.

L-istess affidavit jinstab a fol 25. Ghalkemm hemm referenza ghal certifikat anness, dan ic-certifikat ma huwiex anness mal-affidavit.

**Godfrey Baldacchino** xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn ikkonferma li invista lis-Sur Aquilina ghalkemm ma jiftakarx iz-zmien ezatt, bejn wiehed u iehor sentejn ilu, kellu xi glieda ma xi hadd u meta rah kellu xi dbengil, wahda fuq zaqqu u ohra fuq ic-*chest* jekk mhux sejjer zball u dan bhala slight injury. Huwa ra lil Aquilina kemm il-darba bhala tabib tieghu.

**Anthony Harold Caruana** xehed bil-lingwa Ingliza fl-istess seduta fejn ikkonferma li huwa missier l-akkuzat Nicholas. Spjega li marru jilmentaw dwar vettura ghand il-mechanic Tony, spjega li '*he fixed the car, but we had a problem on the steering box and we*

*went to several times and said that he said I was very busy, fair enough because I am an ex mecahnic and one day we went he said bring the car back and we bring the car back and an argument started and I said I want to figure out what it was he said ok and than an argument started between him and his son and I can't understand because they spoke in Maltese he went to attack Nicky the first time and I got in the middle, Nicky tried to go back into his land rover which time he decided he is gona hit him ok, and Tony actually hit Nicholas in the car*'. Spjega li hu ha ritratti, dawn gew esebiti bhala Doc AC1 u AC2. Kien qieghed jiehu ritratti waqt li l-persuna l-ohra beda jsawwat lil ibnu. Spjega li dik il-persuna ta daqqa '*With a fist*'. Spjega li '*First he was at the back end of the car, and I stopped him, I couldn't understand what was going on and I couldn't understand why **********. They ran down the street and got in the middle of it tony eventually went back to the garage we soon get back to take the landrover away because it was parked in front of his garage there was an **** at the back he ripped a the back of the land rover*' Mistoqsi '*Who ripped*' wiegeb '*The mechanic, tony and than eventually Nicky got in the landrover, Anthony attacked him in the land rover and Nicky drove off and went*' Ma jafx ghala Tony attakka lil ibnu, jghid '*temper*', ma ghandux idea. Mistoqsi '*What was something irritating him, provoking him*' wiegeb '*May be I don't know, I have no idea as already said, I said to my son what are you doing what's going on, I said there is no reason for this, is just a steering box so my son took off and I tried to cool things down so than I decided to phone the wife, but before I phoned the wife Nicky come back to pick me up, from my eye I noticed and he went for a big crow bar*' Mistoqsi min, jghid li '*Tony the mechanic so my instant reaction was not to take the rode bar for no reason so he shouted me soon go get out* of here *and soon he drove half the road no idea why he stopped he takes this crow bar and he started smashing ***** with the crow bar again I have photographic if you want to see*'. Ha r-ritratti huwa stess, jghid li Nicky kien gewwa u l-mechanic barra. Il-vettura sewwewha u dwar stima wahda ta' 257.50 jghid li jahseb tal-ispare parts u 620 biex tissewwa. Mistoqsi '*So the first one is 620 and the seconnd one is 257*' wiegeb '*That one is for the spare parts, the first one for the labour and the other one is for the spare parts.*' Dawn ma thallsux ghax sewwewha hu u t-tifel tieghu.

In kontro-ezami qal li ma jiftakarx meta grat, u kkonferma li Tony hadem fuq dan il-landrover diversi drabi u kien hemm problem '*The guraden steering box*'. Ilu Malta 25 sena u ma tantx jifhem Malti u ma jafx fuq xiex argumentaw. L-ewwel agrument sehh qudiem il-garage u hu kien hdejn il-landrover. Jghid li '*Tony went for him three*

*times, twice before, one when went down the street to get away because he didn't wanna fight'*. Jghid li '*than Tony came back to the garage and than Nicky tried to get back to the back of the land rover and Tony went for him again so Nicky ran off, Nicky seem to go back again so nicky went back to the land rover and didn't have time to ran away'* Jghid li '*He didn't want to fight him'* u li '*Nicky did not want to cause any problems*'. Mistoqsi '*At the same time the moment the land rover was parked infront the garage*' wiegeb '*No, he went down road. When Nicky ran off and only ran after him and I went in between*'. Jghid li '*he didn't want to fight he didn't want to fight with him*'. Jghid li '*He ran off because Tony ran after him , he went round the car to ran after him so I ran after him.*' Ir-ritratt fejn Tony qed isawwat lil ibnu grat it-tielet darba '*when he came to get the car to drive off, Tony came in the carriage*'. Spjega li '*first time we all started arguing about the steering box I got to a point I the hassle than Tony got out Nicky ran down the street I ran down in the middle of them trying to stop them Tony went back to the garage Nicky tried to compact to the back of the Land rover tony went round so Nicky ran off again*'. Ibnu kien et jigri fizikament mhux isuq, ma setghax jidhol u prezuma li kien qed jibza' li jista' jsawtu. Jghid li gera warajhom it-tnejn u mar fin-nofs u qal lit-tnejn li huma biex jieqfu. Jghid li '*We went back to the carriage, I went back to the carriage to , nick tried to go back to the landrover*' jahseb li biex imur id-dar u mar fuq quddiem tal-landrover jghid li '*so he went in the carriage cause it is partly in the carriage , the landrover is partly in the carriage*', jghid li '*he went round it to get in the landrover*'. Mistoqsi '*when they saw them at one point ortikating did you tried stop them*' wiegeb '*Yes the second time no cause I didn't know what happened*'. Cahad li qabel l-ewwel darba Anthony mar ghal Landrover biex jiehu c-cwievet. Jghid li '*Sorry I feel like a coward, I did defend him*'. Gew ipprezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti tal-appellant b'hadida f'idejh u anke ritratti tal-hsarat. Gew ipprezentati ukoll invoices tat-tiswijiet u labour a fol 66 immarkat bhala Dok AC15 u tal-materjal a fol 66 immarkat bhala Dok AC16. Ir-ritratti jinsabu esebit a fol 51 sa 64 minn Dok AC1 sa Dok AC14.

**Nicholas Alfred Caruana** xehed fl-istess seduta fejn spjega li '*Awissu 2017 nahseb is-sibt kien, mort bil-vettura tieghi ma missieri peress li kelli il-kaxxa tal-power steering qed taghmel hafna zejt u hafna zejt u jien saqsejtu, ha nibda mill-bidu jiena kelli il-vettura tieghi jiena qlibta minn vettura antika per se ghal vettura moderna ghand Anthony Aquilina hallasnih in full u hallasnih in full u hrigna bil-vettur kelli accident, kelli il-flus tal-insurance u mort ghandu u rangajna il-vettura wehhilli kaxxa tal-power steering qalli li hija gdida u*

*jien ghedtlu ma nistax inhallija gewwa ghax Ghandi bzonn vettura biex immure ix-xoghol, biex nohrog ghandi bzonn vettura xahar, Ton tista tini kaxxa, Ton tista tini kaxxa, Ton tista taghmilili mort ghandu issa ejja issa ejja waslet is-sibt u morna saqsejty ghedtli ismani ton dik kaxxa ta' hamsin mitt ewro jien tghajtu madwar sitta seba t elef euros kwazi b xi mod jew iehor apparti minn hekk Ghandi ta l-insurance ukoll jien qatt ma ghedtlu li m inix ha nhalsek meta kelna l conversiton meta qalibli kollox kienn zammli il-vettura sakemm inhalsu in full issa jien j kont it-tip ta bniedem li mur u nhalsu kuljum'*.

Jghid li l-karozza bdiet taghmel wisq zejt u li beda jghidlu li hadha off road u kissirha. Ghalhekk inqala l-argument u qallu li mhux vera u beda jaqla xniha li beda jitkellem kontrih. Jghid li beda jgidbu '*u attakani u hrabt nigri jien m inhix b'sahti bizzejjed biex niggieled u hrabt l'hemm minn dak il-bniedem ta dak il-livel*'. Mistoqsi kif attakkah wiegeb '*B'idejh hrabt nigri gie jigri warajha bqajt nigri bil-mod biex nghajjih imqar biex inkun nista nitlaq jien, jien m'inhix b sahti missieri mhuwiex b sahti dak it-tip. Xi kultant ma tantx nista niddefendi ruhi ghalhekk cempel lil pulizija li ma gewx fil- verita*' Beda jigri warajh u haseb li ghajja stenna '*kien hemm missieri, ghad ha nidhol fil-vettura min wara , nidhol fil-vettura u nistartja , ic-cavetta tal karozza qeda hawnhekk ma jistgghax johodili ghalhekk*'. Bhala diskors ix-xhud beda jghidlu '*Ma nistghax nemmen l-ammonti ta flus kolla li tajtu ma setax itini xi haga li jgib bil-mijiet minnhom jiena ma ghedtlu jien irrida ghedtlu tista tghinni din kont diga ghedtlu bija. Din il-problema int tajtili bil-problema ma kellux bzonn jattakani*'. Jghid irnexxilu jisgicca u jidhol '*fetahli il-bieba haddli r-ritratti u uza idejh qisu mazza, ifimni fir-ritratt tidher il-bicca ta xoghol.*' Jghid li '*Hekk ghal-fuqi, jiena mbad idefendejt ruhi*' jghid li intlaqat fuq idu. Mistoqsi kif iddefenda ruhu jghid li '*Ghollejt idi u waqaftu, imbutajatu u xutjajtu il-barra, iva xutjajtu il-barra ovvjament u ghalaqt il-bieba, irriversjajt u ndunajt isma jiena hallejt il-missieri barra dort*'. Jghid li ra lil Anthony Aquilina b'kanna tal-hadid seamless bar maghmula biex izomm brigde biex jigi jsawwtu, il-kanna tal-hadid dahlet lejn rasu. Jghid li l-kanna kienet fuq is-saqaf tal-karozza tieghu u rah idur minn wara tal-vettura tieghu u jara kanna diehla fil-windscreen imbghad ghal fuq it-tieqa imbaghad ghal ma wiccu.

Mistoqsi xi hsara kellu spjega '*Qattali seat li qatt ma semmejt, windscreen, saqaf, it-tieqa tal-genb u zlugali il-vettura darba ghal dejjem ghax il body ta l aluminium once li jieh daqqa hekk jinzel darba ghal dejjem.*' Mistoqsi x'ghamel wara li beda jaghtih bil-hadida, wiegeb li '*Telaq lura irriversjajt lura biex nigbor il-missieri dehret as if qed nattakah fir -*

*ritratti tidher kieku ridt nattakah bil-vettura kont qieghed fil-pozizzjoni li nattakah bil - vettura, ma attakjtux, irriversjajt lura lejn missieri bil-windscreen fuq zaqqi u soqt lura d-dar u l-puluzija meta rawha hallewni nsuq id-dar u laqas saqsewni isma inti ok, jiena tlaqt id-dar bil-hgieg qisni criminal*'. Mistoqsi dwar certifikat mediku spjega li '*Dan huwa meta il-hgieg waqa fuqi literalment fil-lean rover il-widscrren hija tieqa ok il-windsreen hareg ha jaqa fuqek literalment ha jaqa fuq saqajk m hemm imkien iktar fejn immur il-hgiega qattani ifhmni bicciet tal-hgieg jaqawfuq saqajk ha jqattawk no u l - kanna tal hadid had daqqa hekk mhux ha tidher wara tlett snin jew sentejn*' Jghid li mar ghal stima u jghid ukoll li xtara parts u sewwiha inkluz il-kaxxa tal-isteering. Huwa gab l-istima, jghid li jahdem fil-parts setgha jgib stimi dirett minn ghandhom.

In kontro-ezami jghid li kien ghamel qisu sitt xhur imur ghandu kuljum. Jghid li missieru l-hin kollu baqa hemm, ma jafx kemm ghax ilu tlett snin, jghid li bejn wiehed u iehor siegha u nofs saghtejn. Jghid li kien gej lejh bil-kanna tal-hadid, jghid li '*Jien kont qied insuq nistenna lil-missieri, Dad can you come , sibtu hemm bil-kanna lejn missieri, missieri kien qed jippanikja, missieri ghandu l-ftuh ma jistghax jiggilidlu u l-affarijiet jisthi jghidhomlhom ma jistghax iwaqfu*'. Mistoqsi dwar kif kien qed isuq, qal '*tfajtu riverse ghafast il-gas u tlaqt, il-clugg kemm jista jkun speed biex nitlaq l'hemm dik hija l-verita mhux ha nigdeb*'. Jghid prova jbezzghu forsi '*Ksirt two degrees the right two degrees to the left u riversjajt lura ma attaktjux*' Mistoqsi kif irriversja lura wiegeb '*Jiena qied hawn ghamiltlu hekk u riversjajt milli rajt mill-mirja*'. Jghid li '*Ma kienetx xi haga biex natakah, ma irriversjajt biex niprova b xi mmod nasal ghal - missieri li kieku ridt intajjru kont qied fil-pozizzjoni hekk qed tghidli*'. Jghid li '*Kwazi qatilni dak il-punt*'. Mistoqsi '*Jekk int f xi hin minnhom inti riversjajt fid-direzzjoni fejn kien prezenti hu bil-gurament tieghek*' wiegeb '*Iva*', mistoqsi jekk saqx ghal fuqu u qabad il-kanna qal '*Le mhux qabad il-kanna kif soqt ghal fuqu hawnekk m intix tifhima l-izball*'

Mistoqsi meta rriversja fejn kien ezattamanet wiegeb '*Fil-mera tieghi li nista nghid jien milli rajt jiena il-vettura tieghi kienet qeda hawn wara li hu faqali l windsreen beda miexi lura jiena ghed daqshekk qata qalbu , ha nigbor il-missieri ha nahrab nigri d-dar ghax kwazi qattilni dal- proxxmu*'. Jikkonferma l fil-veduta tieghu ma kienx f'post li setgha jiperikolah.

L-imputat **Anthony Aquilina** ghazel li jaghti x-xhieda tieghu fl-istess seduta. Mistoqsi dwar ritratti fejn ghandu idejh mghollija fl-ohra ghandek '*ponn kbira*' jghid li '*dak il-hin kont qed naghmel il-mezzi tieghi kolla biex nidhol u niehu cavetta ta din il-vettura issa kif qal hu tajjeb ic cavetta ta din it-tip ta vettura qed fin nofs mhux easy li tilhaqa u hu biex jidefendi ruhu ghax jiena ghac - cavetta dhalt. Hemm ghax kien qabel qal*'. Dak l-hin ma kellu l-ebda pole f'idejh, dak wara. Jghid li '*Il-Pole kien f idejja kien speci ta pipe u kont qed nuzah ftit qabel huma gew u kont qed nuza biex nixiftja hemm ghandi fil-filmat jidher container, il-gurnata ta qabel kont ghadni kemm hattejt container tal- erbghajn pied u kont qed nistiva , zammejta gurnata kwieta biex jiena nkun nistgha nistiva xoghol*'. Jghid li ghandu filmat mitluf u ghandu parti minna qed jiprova jsuq fuqu bil-karozza, johrog mod agressiv mill-garage li ghodu tajjar zewg persuni fuq mutur u jew kienu wiehed. Jghid li '*Dan ghal fuq l-incident u dan ta CCTV jidher bic-car li jsuq fuqi biex jaffigni bejn il-land rover tieghu u dan , dak il-hin imbaghad irejagixejt nidefendi lil nifsi dan tilifa ghal kollox biex jasal jaffigni tah il-landrover*' Jghid li '*imbad jiena kelli nuza l-unika haga li kelli f idejja dik il crow*'. Gie esebit USB dok AA1 u l-partijiet raw dan il-footage seduta stante. Huwa kkonferma l-filmat bil-gurament u qal li dan ic-CCTV ittiehed minghand in-neighbour tieghu.

Spjega li huwa restawratur fuq il-Land rovers u ilu 35 sena, kellu zewgt itfal mieghu dak in-nhar wiehed kellu 13-il sena u iehor kellu 8 snin. Kienu gew Nicholas u missieru bil-vann biex jara l-kaxxa tal-isteering u qallu ok mur giba ha nara u pparkjaw quddiem il-garaxx u spicca ma setghax ikompli jahdem allura qal ha jara x'hemm u x'ma hemmx beda jispjegalu x'ghandu u ma ghandux, jghid li induna x'kellha, waqaf jahseb x'se jaghmel u iddecieda li ma jahdimhomx izjed ghax jilmentaw wisq fuq kull haga ta' xejn, Jghid li ddecida li jsewilhom mod professjonali imma qallu biex jaghtih ohra izda jghid li kellu kazi maghhom fejn taghhom affarijiet u ma gewx lura. Jghid li dak in-nhar gie ghax kellu leak fl-isteering box kif qal hu, skalat '*Jiena bdejt inkellmu bil- Malti, missieru jifhemm bil-malti u jien bdejt inkellmu bil-malti u jien kont ilni nafhom xhur kif ghedtlu ha naghmillkom b xejn imma din il-kaxxa imma kaxxa ohra jigifieri insewwilu garanzija tigi ahjar jekk trid spjegazzjoni ntilek ukoll missieru beda ifajjar idu quddiemi ma misnix inkun onest u jghajjat oj oj oj ghedtlu i am gonna ha nispjegalu bl-ingliz x ghedt li tifel tieghek ghedtlu gibuwa il kaxxa ha nsewilek b xejn so hemmhekk ma wasaltx biex nghidlu ma tigix izjed l hawn biex ma naqlax izjed hama hemm l-iskop taghhom mhux dak kien sinjura l-skop taghhom kien li*

*jiehdu l-kaxxa u l-kaxxa taghhom ma tigix lura l-iskop huwa li dawn il-vetturi ma ghadhomx issiru in production u bhekk ikollu kaxxa oihra spare*'.

Jghid '*Imbad gie Nicholas wara ftit piedi wkoll jghajjat ukoll ghedtlu le issa tghajtu mieghi*'. Jghid li kienu quddiem il-garaxx tieghu kif kienu fil-filmat fl-ewwel parti, gheditlhom biex jitilqu minn quddiem il-garaxx, it-tfal tieghu qabzu jibzghu. Jghid li '*Baqghu hemmhekk biex jicceingjawni tnejn li huma l-iktar Nicholas nemmen u nistgha nghid li mhux Nicholas*'. Jghid '*iccelinngjawni jghajjruni, sfidawni u what ever u jien bqajt ninsisti biex jitlaq il-barra u pruvajt nimbotthom il-barra mill garage minghajr ma misshom jigifieri nurihom biex johorgu il-barra, Nicholas kif qala minn mal-karozza jigifieri kif resaq il naha li fejn qal u telaq jigri ghax hu haseb li jien ha mur nigri warajh dik il-filmat li tlift hemm dak il-hin qal nghaddi minn fuqkom nghaddi minn fuqkom u jiena ippanikjajt kif qal naghaddi minn fuqkom hu u sejjer lejn il-karozza issa qal li missieru wara l-karozza u vera jien gejt **** karozza bit-tir li nilhaq nasal qablu biex jien nehodlu cwievet u ncempel il-pulizija ghax jien bdejt nara tiskala l-affari u Ghandi giex titfal imwerwrin infatti wiehed minnhom sparixxa u sibnihom wiehed minnhom fit-toilet iz-zghir. Hemm propja l-mara sabitu ghax jien kont ghadni l-sptar*' Mistoqsi ghala uza l-crow u idejh jghid '*Le Le*' *jghid li* '*Idejja biex nohodlu cwievet ha niblokjalu il-Karozza ghax ftit qabel beda *** li ha jghaddi min fuqna issa ghala*'. Mar biex ma jghaddix minn fuqhom, ghax qallu hekk. Dwar ir-ritratt b'idejh mghollija jghid li kien qed jilqa' id-daqqiet ta' sieq li beda jtih hu u li jiprova jdawarhomlu forsi jaghtih cans jitla fuqu. Ic-CCTV li jaghtih id-daqqiet ta' sieq tilfu, '*Ma gietx fil-filmat jigifieri bdejna narawha fuq il x jismu u ma stajniex nirrikordjaw*'. Laqtu bis-sieq u wegghu kemm il-darba anke daqqa ta' bieba tah. Jghid '*Insomma saru l-injuries imbad daqqiet fuq sidrek mhux ha tibqa daqshekk*** kif qalu ezaett li cavetta mhux daqshekk recachable u hekk u ghajjieni dak il-hin weggani hemm sa dan it tant jiena tlaqt il-gewwa u hu startja u telaq jigifieri kien hemm naqra hin bejnithom dawn ma kienux daqshekk f dan, in the meantime jiena imaginajt li telaq l hemm onestament u fuq il-gurament ghedt issa il-misiseru nwasslu jiena ghax ghamila kemm il-darba jhalli l-missieru hemm u gieli ghamila missieru jhalli tifhe hemm u jitlaq*'. Jghid li '*dhalt u ergajt qbad l-istess parankikna nghidula ahna biex nixiftja dan it-trailer li kelli ghax bil lifer ma stajtx indur biex inkompli xoghol ghax jiena minghalija li dan telaq kif jiena qed nixxiftja trailer ghax hu mar iddur x imkien iehor hemm u smajtu gej qagh dan veru se jaghmilha u jien hrigt fil-bieb kien ghad kelli din il-kanna f idejja semplici kanna hemm li jiena kont ha nibda nixxiftja nerga ghax xoghol li kont qed naghmel hemm u rajtu gej ghad direzzjoni u*

*jiena bqajt fil-bieb kwazi kwazi frizat ghax jiena ma nafx x ha naqabad naghmel b kanna ma vettura ta giex tunellati u nofs hemm kif rani fil-bieb waqaf kif deher fil-filmat u flok ghajjat il-missieru biex jitla u jitilqghu rega saq il quddiem biex u hekk kienn l skop biex ma juzax quddiem tal karozza ghax jiena ftit il-gewwa ikelli lifter ta hames tunnellati hemm gew qed tifhem allura jaghmel izjed hsara il-karozza*'. Mar jigri warajh biex ma jkomplix gej b'lura. Jghid li '*ghajjejt naghti bil-kanna, naqla bis sieq imbad jiena tani hass hazin, imbad it-tifel lahaq cempel il-puluzija qabel, it- tifel biss cempel ghal pulizija u wara rani mixhut fuq it-tyres insomma kif rani b hass hazin fuqi cempel l-ambulanza tifel, tifel ta tlettax il-sena jiena kull ma bdejt naghmel niddefendi ruhi ma nahsibx li ried neghlen il-landrover.*' Mistoqsi '*hemm ghalfejn hassejt il-bzonn li tohodlu cavetta mhux ahjar li telaq u saq l'hemm*' wiegeb '*Naqbel mieghek mija fil mija u hekk xtaqt imma mhux wara li jghidlek ha nghaddi minn fuqkom ha nghadi minn fuqkom x way kelli ohra, nohodlu cavetta jew niddefendi ruhi b mod spejcali it tfal u kelli il-kelba tieghi hemm hekk ukoll*'.

Kien sejjer jixhed it-tifel tal-imputat, izda sussegwentement ma xehdx.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tqis il-filmati prezentati fil-USB li tinsab fl-envelop a fol 89. Fl-ewwel filmat li ghandu d-data jibda bil-hin '16:40:21' jidher xi hadd qieghed bil-mobile ma widnejh vicin il-Landrover izda l-appellant ma jidhirx fil-filmat u sussegwentement l-Landrover instaq b'mod eccessiv. It-tieni filmat li jibda bil-hin '16:41.43' u ghalhekk anqas minn minuta minn meta kien saq il-landrover, jerga jidher il-landrover qed jinstaq quddiem l-istess post u persuna tidher hierga bil-kanna f'idejha, din il-persuna din il-Qorti qieghda tifhem li huwa l-appellant u hekk kif il-vettura tinstaq minn quddiemha, l-persuna bil-kanna tidhol lura presumbilment fil-garaxx. Jirrizulta izda hekk kif il-Landrover jirriversja, il-persuna tohrog tigri b'kanna f'idejha, hekk kif johrog jigri bil-kanna l-Landrover timxi l-quddiem u hekk kif jaghti daqqa fuq wara tal-Landrover jerga jirriversja kwazi ghal fuq il-persuna bil-kanna u l-persuna bil-kanna imur jigri lejn il-quddiem tal-Landrover fejn din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant kompla jaghmel hsara fuq il-vettura. Sussegwentement il-Landrover jerga jirriversja lura. Din il-Qorti qieghda tifhem li dawn il-filmati ma jkoprux l-incident kollu u cioe' ma jkoprux l-ewwel parti tal-incident fejn l-appellant prova jiehu c-cavetta mill-vettura tal-parte civile.

L-Ewwel Qorti qieset li '*Il-Qorti ghalhekk tqis li l-verzjoni moghtija mill-parte civile u x-xhieda ta' missieru, kif ukoll wara li l-Qorti rat ir-ritratti, c-CCTV footage esebit, ic-certifikat mediku u l-affidavit tat-tabiba u qieset ix-xhieda ta' l-imputat stess fejn irrizulta li kien hu l-istess persuna kemm fir-ritratti kif ukoll fic-CCTV footage tqis li fir-rigward it-tieni u r-raba imputazzjonijeit, fil-preponderanza tal-provi prodotti huma verosimili u konsegwentement ihossha moralment konvinta li l-prosekuzzjoni u l-kwerelanti rnexxilhom jipprovaw il-kaz taghhom, ghal dawn l-imputazzjonijiet, sal-grad rikjest f'proceduri penali.*'

L-argument tal-appellant huwa li kien wara li l-parte civile qal li kien ser jghaddi minn fuqu u mar lejn il-vettura li huwa ghamel dan kollu biex jiddefendi ruhu. L-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal fatt li huwa garab griehi tant li qala daqqiet bis-sieq f'sidru kif mar biex jiehu c-cavetta tal-vettura wara li l-parte civile heddu li kien se jghaddi minn fuqu bl-istess vettura. Skont l-appellant huwa mar biex jiehu c-cwievet tal-vettura biex jiprotegi lilu nnifsu kif ukoll it-tfal tieghu li kienu mieghu fil-garaxx. Issottometta li kien il-parte civile li saq ghal fuq l-imputat u li ghalhekk l-appellant kellu hajtu fil-periklu.

Din il-Qorti tqis li mill-filmati esebiti jirrizulta li l-parte civile telaq sparat minn fuq il-post u li jekk ried li ma jinqalax inkwiet ma kellu qatt jirritorna lura fl-istess post fejn beda l-argument. Il-parte civile jghid li ghadda lura biex jigbor lil missieru. Minn naha l-ohra jirrizulta skont dak li jixhed l-appellant u anke dak li qal a tempo vergine lil Pulizija li l-parte civile kien qallu li jghaddi minn fuqu u kien ghalhekk li l-appellant prova jiehodlu c-cavetta mill-ignition, u li sussegwentement kien meta semghu rega gej li hass li se teskala u li ghalhekk kien hareg bil-kanna tal-hadid. Sinifikanti huwa l-fatt li l-persuna tidher hierga bil-kanna tal-hadid mal-gemb u hekk kif il-Landrover tinstaq minn quddiemu, huwa jidhol lura izda kien hekk kif ra l-Landrover tirriversja anke jekk sa dak il-mument mhux fid-direzzjoni tieghu, li huwa gera bil-kanna f'idejh fid-direzzjoni tal-Landrover u waqt li l-Landrover instaqet il-quddiem taghha daqqa fuq wara. Is-sitwazzjoni tibqa' teskala hekk kif il-parte civile jirriversja lura fid-direzzjoni tal-appellant tant li sussegwentement l-appellant ikompli jaghti daqqiet bil-hadida fuq il-Landrover.

Din il-Qorti trid tikkunsidra jekk l-appellant verament agixxiex in legittima difeza bhal kif bhal donnu qieghed jallega. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Ramond Mercieca) vs SAVIOUR SAMMUT'** [3] gie meqjus li:

*'Jigi rilevat li d-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha rrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-**Professur Mamo** jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wiehed irid ipoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz b'mus mid-distanza li kien u cioe' tant vicina. Huwa mportanti li l-perikolu jkun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega **Antolisei**:*

*"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente' (**Manuale di Diritto Penali - Parte Generale - pg. 261**).*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal nhar il-15 ta' Settembru, 2014 (Numru: 1302/2010)

*perikolu mminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.*

*Din tkun ukoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 1978 (Analizi della Giurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale - pg. 56):***

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

*F'dan ir-rigward, il-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**HM Advocate vs Kizileviczius** **1983 JC (A Casebook of Scottish Law** ) pg 347 - li :*

*"To reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

*Ghalhekk sabiex jissussisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli.*

*Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".*

*Skond **Antolisei** "l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale (parte generali pg. 358)** jghid:*

*"La giustificante dell articolo 52 (which corresonds to our Sec 223) non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa."*

***Il-Professur Mamo jghid:***

*"The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent."*

*Dwar il-kwistjoni tal-inevitabilita' fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs Emily Zarb</u>****, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal- inevitabilita', u minghajr Il-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti.*

*Infatti f'****Analizi della Giurisprudenza Italiana*** *(pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:*

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

*Sabiex Il-perikolu jfisser 'situazione inevitabile', il-perikolu jrid ikun "sudden" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm <u>legittima difesa</u> izda <u>provokazzjoni</u>. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex.*

*Fil-fatt gie deciz fis-sentenza* ***<u>Il-Pulizija vs Joseph Micallef</u>*** *(vol XXXIX pg 1072) li:*

*"Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lill- persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha."*

*Fil-fatt* ***Canofari, Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie*** *(pg. 204 - lib 11-titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-****Codice delle Due Sicilie*** *li jikkorrispondi ghall-Artikolu* **223** *tal-Kap. 9, jghid:*

*"La legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato."*

*L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid **Carrara** (pg. 209 - 306 **Programma**):*

*"Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocenti. Tali mezzi si riducono alle preghiere, all'acclamazione alla fuga."*

*Skond **l-Imhallef Harding**, kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija **Il- Pulizija vs Toni Micallef**, ir-rekwizit tal-gravita' jesigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l- imputat fid-dawl tas-suespost, ikun konvint li huwa agixxa taht id- difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa ddefenda ruhu mill- perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante li l-aggressur tieghu kellu mus u kien ser jaggredih bih peress li ma kienx ghadu thallas lura t-tmenin lira Maltin li kien silef lill-imputat. L-imputat irreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.*

*Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic- cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument, cioe' irrabjat u ried jagredixxi. Illi din is-sitwazzjoni holoqha l-imputat, bl-attitudini u aggressivita' tieghu u ghalhekk ma jistghax issa jippretendi li l- Qorti tilqa' l-ecezzjoni tal-legittima difesa.*

*Fl-ahharnett biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid- difisa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu kif effettivament ittenta jaghmel.'*

Din il-Qorti trid tqis jekk it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu kienx ingust, gravi, u inevitabbli. It-thedida skont l-appellant kienet dik li l-parte civile qallu **'nghaddi minn fuqkom'**. Sussegwentement l-appellant jghid li gera wara l-parte civile li kien dahal fil-Landrover u prova jiehodlu c-cavetta u li wara li l-parte civile telaq minn fuq il-post, l-appellant haseb li kien telaq izda ftit wara rega semghu gej u kien ghalhekk li hareg bil-kanna tal-hadid. Ma hemmx dubju li theddida li se jghaddi minn fuqu bil-Landrover hija wahda ingusta u anke gravi, din il-Qorti tistaqsi jekk kinitx inevitabbli? Naturalment wiehed irid jikkunsidra dan fl-istat mentali ta' bniedem f'dik is-sitwazzjoni u mhux wara li persuna jkollu cans jahseb x'kien ikun l-ahjar agir. Ghalkemm kien jaghmel sens li kieku l-appellant dak il-hin stess cempel lil Pulizija mal-mument li ra li s-sitwazzjoni ser tiskala, jirrizulta li l-appellant haseb li l-parte civile kien verament se jghaddi minn fuqu u ghazel li jigri

wara l-parte civile u jiprova jahtaflu c-cwievet mill-vettura u sussegwentement kif gia inghad hareg bil-kanna tal-hadid kif il-parte civile rega avvicina l-proprjeta' tal-appellant.

L-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-allegazzjoni li l-parte civile qallu li se jghaddu minn fuqu u x'effett din setgha kellha fuq dak li kellu jsegwi u cioe' r-reazzjoni tal-appellant. Din il-Qorti tqis li l-appellant f'dawk il-hinijiet kemm meta beda jiprova jiehu c-cavetta mill-vettura tal-parte civile u anke meta gera wara l-landrover bil-hadida agixxa b'tali mod konsegwenza tal-biza li l-parte civile sejjer jidhol fil-proprjeta' tieghu u ghalhekk setghet issir hsara kemm lil persuntu, lit-tfal tieghu u anke l-proprjeta' tieghu. L-appellant mal-ewwel *a tempo vergine* semma li l-parte civile kien qallu li jghaddi minn fuqu, filfatt PS947 Adrian Paul Vella ddikjara fl-affidavit tieghu meta spjega l-verzjoni tal-appellant li '*F'dak il-hin Nicholas tela fil-Land Rover u qallu li jaghadi minn fuqu u kif Anthony Aquilina prova johodlu ic-cavetta mill- ignition biex ma jsuqx, beda jtih bis siq go sidru u saq l-hemm sparat u perikoluz.*' Din il-Qorti filwaqt li tqis pruvat li l-appellant agixxa in legittima difeza, jirrizulta li l-appellant baqa jsabbat il-hadida mal-karozza tal-appellant u kompla jaghmel aktar hsara tant li l-appellant stess jixhed li '*jien ghajjejt naghti bil-kanna*'. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-legittima difeza uzata kienet wahda eccessiva, l-appellant ma kellu qatt jibqa jkisser partijiet tal-karozza u jkompli jikkawza aktar hsara.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Lawrence Sultana'**[4] gie kkunsidrat li:

'*Biex tapplika d-difiza tal-legittima difesa trid necessarjament thares lejn il-kriterji li trid il-ligi. Biex tissussisti l-legittima difesa jrid ikun hemm perikolu minaccjat, li jehtieg li jkun ingust, gravi u inevitabbli.*

*Il-Qorti thoss li dawn il-kriterji gew ippruvati sal-grad ta' probabbilta`. Izda johrog car li r-reazzjoni tal-imputat li jiddefendi ruhu kienet eccessiva u mhux proporzjonali. Huwa f'dan il- kuntest li l-Qorti thoss li huwa car li l-fatti juru li l-imputat effettivament, waqt li rreagixxa, hareg mil-limitu tal-proporzjon – izda dan sehh peress illi huwa, f'dak il-mument, jista' jkun li beza' mill-attegjament tal-parte leza (artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali).*'

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Ottubru, 2018 (Numru: 43/2017)

Din il-Qorti qabel ma tqis il-piena li ghandha tigi inflitta sejra tqis l-imputazzjonijiet li taghhom instab hati mill-Ewwe Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni (2) imputazzjoni u cioe' dik bl-ittra 'B' taqra '*Kif ukoll hebbejt ghal persuna ta Nicholas Alfred Caruana u ikkawzajt offiza ta natura hafifa hekk kif gie iccertifikat it-Tabib Muscat Reg 5761 mic-Centru tas-Sahha ta Floriana u dan bi ksur tal-Art 22(1) tal-Kap 9.*'

Nicholas Alfred Caruana xehed '*meta il-hgieg waqa fuqi literalment fil-leanrover il-widscrren hija tieqa ok il-windscreen harge ha jaqa fuqek literalment ha jaqa fuq saqajk m hemm imkien iktar fejn immur il-hgieg qattani ifhimni bicciet tal-hgieg jaqawfuq saqajk ha jqattawk no u l -kanna tal hadid had daqqa hekk mhux ha tidher wara tlett snin jew sentejn*' Huwa kkonferma li c-certifikat mediku tieghu.

Ic-cerifikat mediku jinsab a fol 16 fejn tnizzel li sabet '*tenderness along rt anterior aspect of distd forearm*' u '*abrasions along left anterior shin = 2cm in length*'. Gie prezentat affidavit ta' Dottoressa Elizabeth Muscat a fol 22 u anke a fol 25 fejn iccertifikat li ezaminat lil Caruana Nicholas Alfred fil-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn tnizzel li '*Febrile on examination 40 degrees Celsisus. History of sudden onset of nausea and vomiting and bilateral frontal headaches of sudden onset ont he day of examination. Histroy of loose stools x7. Patient was noted to be very pale and sweaty. Patient denied recent contact with any illnesses and gave a history of eating chicken the day before. Otherwise examination was unremarkable. Sick leave certificate query food poising was given to patient and advised to return for further examination should the signs and symptoms not resolve within 5 days.*' In-natura tal-griehi gew iccertifikati bhala hfief sakemm ma jinqalghux kumplikazzjonijiet. Din il-Qorti <u>ex officio tinnota li l-kontenut tal-affidavit ma jaqbilx mal-feriti li gew deskriti fic-certifikat mediku</u>, tant hu hekk li l-kontenut tal-affidavit jitratta <u>*food poisining*,</u> dan certament li ma ghandu xejn x'jaqsam mal-incident.

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija kontra Generoso Sammut</u>**'[5]:

'*L-ewwel aggravju tal-appellant hu, bazikament, li ma ngabitx l-ahjar prova tal-offiza hafifa fuq il-persuna u tal-hsara volontarja fin-nuccali. Din il-Qorti ma taqbilx. Id-deposizzjoni tal-*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Awissu, 1999 (Appell Numru: 33/99)

*parti leza - Joseph Deguara - kienet prova sufficjenti kemm tal-offiza fuq il-persuna kif ukoll tal-hsara fin-nuccali. Hi zbaljata l-idea, spiss ventilata quddiem din il-Qorti, li biex issir prova skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi ta' offiza fuq il-persuna hemm bzonn ta' certifikat mediku jew tad-deposizzjoni ta' tabib. Tali certifikat jew deposizzjoni jistghu jkunu mehtiega jekk mid-deposizzjoni ta' xhieda ohra, inkluza l-parti offiza, jibqa' xi dubbju ragjonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fil-kaz in dizamina, id-deposizzjoni ta' Joseph Deguara, korroborata mill-ufficcjali tal-pulizija li kienu fil-ghassa, hi prova sufficjenti kemm tal-offiza (f'dan il-kaz offiza hafifa) fuq il-persuna, kif ukoll tal-hsara volontarja.'*

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tqis li ai fini tal-ahjar prova ma huwiex mehtieg li jitla jixhed it-tabib li jkun irilaxxa c-certifikat u ghalhekk lanqas affidavit ma huwa mehtieg. Biss pero' fic-cirkostanzi tenut kont ta' kunflitt ta' provi u cioe' tal-fatt li l-affidavit ta' Dr Elizabeth Muscat ma jirriflettix ic-certifikat mediku rilaxxat minnha, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' din it-tieni (2) imputazzjoni.

Din il-Qorti sejra tqis r-raba' (4) imputazzjoni u cioe' dik bl-ittra 'D' li taghha instab hati u cioe' dik li taqra '*Kif ukoll volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt vettura LNB109 ta ghamla Land Rover ghad-dannu ta Nicholas Alfred Caruana u dan bi ksur tal-Art 325 (1) (c) tal-Kap 9.*' Din il-Qorti minkejja li tqis li jirrizulta sufficentement ippruvat li l-appellant ikkaguna hsara u cioe' gharraq il-vettura tal-parte civile tant li taghha daqqiet ta' hadida u sahansitra anke faqa l-windscreen fost hsarat ohra, jirrizulta izda li skont ritratt esebit a fol 55 u mmarkat bhala AC5 u fol 59 immarkat bhala AC9 li n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni kien 'LWB 109' u mhux 'LNB 109' kif indikat fir-raba' (4) imputazzjoni. Ghalhekk jirrizulta li l-imputazzjoni tikkontjeni dettalji zbaljati stante li tirrigwarda hsara fuq il-vettura 'LNB109' u l-prosekuzzjoni ma talbet l-ebda korrezzjoni ghal dan l-izball.

L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*'

Minkejja li dan l-izball ma tqajjimx quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas fir-rikors tal-appell, din il-Qorti tqis li gialadarba l-imputazzjoni tirrigwarda vettura partikolari b'numru ta' registrazzjoni zbaljat, anke jekk ma hemm l-ebda dubju li li l-vettura li sofriet hsarat dakinnhar mertu tal-akkuzi hija ta' Nicholas Alfred Caruana, din il-Qorti ma tistax tikkonferma l-htija ta' din ir-raba' imputazzjoni li qieghda tirreferi ghal vettura b'numru ta' registrazzjoni zbaljat. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija ta' din l-imputazzjoni.

Stante li l-appellant sejjer jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, din il-Qorti m'hijiex sejra tqis l-aggravju dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma fejn il-Qorti iddikjarat l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet bhala preskritti u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet u ghalhekk tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur